Sorrento, Capri & The Amalfi Coast

Skopri s-seħer ta’ Sorrento u l-ġmiel tal-Kosta Amalfitana, fost bliet storiċi, irħula pittoreski u veduti mill-isbaħ tal-Mediterran.

GRUPP A	GRUPP B	GRUPP Ċ	GRUPP D
6–10 ta’ April	**22–26 ta’ Ġunju**	**6–10 ta’ Lulju**	**26–30 ta’ Ottubru**





L-Ewwel Jum – Pompei u Sorrento

Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta fil-**05:45** għat-titjira **FR1723** tar-Ryanair, li titlaq fis-**07:45** u tasal Napli fid-**09:05**. Mill-ajruport immorru bil-kowċ lejn **Pompei**, fejn iż-żmien donnu waqaf meta żbroffa l-Vesuvju fis-sena 79 W.K. Fl-iskavi arkeoloġiċi (dħul bi ħlas żejjed) naraw kif kienu jgħixu r-Rumani ta’ dak iż-żmien. Inżuru wkoll is-Santwarju tal-Madonna ta’ Pompei. Nieqfu f’ċentru kummerċjali għal ftit ħin liberu għall-ikel u x-xiri qabel inkomplu lejn **Sorrento**, fejn inkunu akkomodati fil-**Hotel La Meridiana (4★)** fiċ-ċentru tal-belt. Wara s-sistemazzjoni tal-kmamar, noħorġu mat-tour leader għal mixja sa **Piazza Tasso**, fil-qalba ta’ Sorrento, u nduru mat-toroq dojoq mimlijin ħwienet ta’ prodotti tradizzjonali.

It-Tieni Jum – Capri u Anacapri (Eskursjoni Fakultattiva)

Breakfast. Illum ikollna ġurnata libera f’Sorrento. Min jixtieq jista’ jingħaqad magħna għal eskursjoni fakultattiva ta’ ġurnata sħiħa fil-gżira ta’ **Capri** (bi ħlas żejjed). Minn Sorrento naqbdu l-ferry lejn **Marina Grande**. Mal-wasla nitilgħu bil-minibus lejn **Anacapri**, fejn induru flimkien. Min jixtieq jista’ jitla’ bis-seggiovia sa **Monte Solaro** biex igawdi l-veduti mill-isbaħ tal-gżira u tal-Kosta Amalfitana. Inkomplu bil-minibus lejn iċ-ċentru ta’ Capri, fejn naraw il-famuża **Piazzetta**, il-**Ġonna ta’ Awgustu** u **Via Camerelle**. Wara ninżlu lura Marina Grande, naqbdu l-ferry lejn Sorrento u nirritornaw fil-hotel.

It-Tielet Jum – Napli

Wara l-buffet breakfast nitilqu lejn **Napli**, fejn niltaqgħu mal-gwida tal-lokal. Nibdew minn **Mergellina**, fejn nammiraw il-port, il-marina u l-promenade. Naraw **Piazza del Plebiscito**, **Galleria Umberto I**, il-**Bażilika ta’ San Francesco di Paola**, **Piazza del Municipio**, **Castel Nuovo** u **Palazzo Reale**. Inkomplu lejn iċ-ċentru storiku ta’ Napli, fejn induru flimkien u jkollna ftit ħin liberu għax-xiri jew biex inkomplu nesploraw il-belt għal rasna.

Sorrento, Capri & The Amalfi Coast



Ir-Raba’ Jum – Kosta Amalfitana, Amalfi u Salerno

Wara l-breakfast nitilqu lejn il-**Kosta Amalfitana**. Fi triqitna nieqfu f’punt panoramiku li jħares fuq **Positano**, fejn id-djar donnhom neżlin bħal taraġ minn fuq l-irdum sal-baħar. Inkomplu lejn **Amalfi**, fuq il-kosta li tagħmel parti mill-Wirt Dinji tal-UNESCO. Induru mal-port u fiċ-ċentru, fejn naraw il-katidral fil-pjazza ewlenija, imdawwar bi ħwienet u kafetteriji. Wara nkomplu lejn **Salerno**, belt mal-kosta tal-Baħar Tirren. Nesploraw iċ-ċentru storiku, bit-toroq dojoq, il-katidral u l-pjazez mimlijin ħajja, u ngawdu l-veduti mill-promenade ta’ mal-baħar.

Il-Ħames Jum – Vico Equense u Castellammare di Stabia

Wara l-breakfast inħallu l-hotel u nitilqu lejn **Vico Equense**, belt pittoreska mibnija fuq irdumijiet li jħarsu fuq il-Golf ta’ Napli. Hawnhekk ingawdu l-veduti u naraw iċ-ċentru u l-knisja storika tagħha. Inkomplu lejn **Castellammare di Stabia**, fejn nagħmlu mixja tul il-promenade ta’ mal-baħar b’veduti tal-Vesuvju u tal-Golf ta’ Napli. **FI’15.45** nitilqu lejn l-ajruport ta’ Napli għat-titjira **FR1774** tar-Ryanair, li titlaq fis-**19:25** u tasal Malta fid-**20:45**.

Prezz skontat kull persuna

Eskursjonijiet u taxxi tal-ajruport inklużi

	Child	Single	Triple	Twin
April	**€700**	**€990**	**€830**	**€830**
Ġunju u Ottubru	**€760**	**€1,050**	**€890**	**€890**
Lulju	**€810**	**€1,100**	**€940**	**€940**

Il-prezz jinkludi

- Titjiriet bir-Ryanair
- Bagalja ta’ 20 kg għaċ-check-in u hand luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- 4 iljieli fil-**Hotel La Meridiana (4★)** fiċ-ċentru ta’ Sorrento
- Buffet breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour leader
- Insolvency Fund

Il-prezz ma jinkludix

- City Tax
- Transfers u ferry għal Capri
- Entraturi, cable cars, vjaġġi bid-dgħajsa eċċ